**13 ta' Frar, 1989**

***Imħallef: –***

**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

L-Avukat Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici *noe*

*versus*

Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet

**Stralċ ta' Soċjetà – Approvazzjoni tar-Rendikont u l-Proġett ta' Diviżjoni – Tħassir ta' l-Isem tas-Soċjetà mir-Reġistru – L-Ordinanza X ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali hija pjuttost Karenti f'Salvagwardji u Rimedji fil-Konfront ta' Kumpanniji li jkunu fi Stadju ta' Stralċ**

*L-Ordinanza ma tagħtix dritt ta' sindakabilità jew diskrezzjoni lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet fl-operat ta' l-istralċjarju iżda minflok*

*imponiet fuqu obbligu ċar u preċiż, ċjoè li meta l-istralċjarju jikkonsenjalu l-avviż li r-rendikont u l-proġett ta' tqassim ġew approvati allura r-Reġistratur "għandu wara dan iħassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-reġistru".*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi kien innominat stralċjarju tas-Soċjetà *Bastion Court Limited;* u premess illi fit-22 ta' Settembru *1983* l-attur avża lill-konvenut, illi r-rendikont u l-proġett ta' diviżjoni kienu ġew approvati – kif irid l-artikolu 160(1) ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali – u għalhekk l-istess Reġistratur, kellu wara dak l-avviż, iħassar l-isem *Bastion Court Limited* mir-Reġistru, u dan kif jiddisponi l-istess artikolu; u premess li abbużivament, mingħajr ebda ġustifikazzjoni ġuridika, l-istess Reġistratur konvenut, fuq il-pretest li huwa għandu xi dritt li jekk il-kontijiet u diviżjoni ma jogħġbuhx ma jipproċedix għall-kanċellament li tobbligah li jagħmel l-istess Ordinanza; l-istess attur talab illi dina l-Qorti (a) tordna lill-konvenut biex fi żmien qasir u perentorju jikkanċella l-isem tas-soċjetà *Bastion Court Limited* mir-Reġistru tas-Soċjetajiet u fin-nuqqas; (b) taqta' u tiddikjara illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, l-istess soċjetà *Bastion Court Limited* wara d-data msemmija m'għandhiex aktar teżisti, u hija estinta;

Bl-ispejjeż – inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Marzu 1985 u tal-protest uffiċjali u b'riserva għal kull azzjoni ta' danni tispetta lilu kontra l-inadempjenza ta' dan l-obbligu lilu impost mil-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur, u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Illi fir-rendikont u l-proġett ta' tqassim tas-soċjetà *Bastion Court Limited,* li l-attur bħala stralċjarju kien tenut jagħmel a bażi ta' l-artikolu 158(1) ta' Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali, huwa ma ħax in konsiderazzjoni l-ammont ta' Lm5,950.00,0 dovuta mis-soċjetà *Bastion Court Limited* lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bħala taxxa;

2. Illi l-attur bħala stralċjarju mexa kontra l-artikolu 158(1) ta' l-Ordinanza fuq imsemmija peress illi qassam l-attivi tas-soċjetà *Bastion Court Limited* qabel ma tħallsu d-djun u l-passivi kollha tas-soċjetà u ma twarrbet ebda somma għall-ħlas tagħhom;

3. Illi l-aġir abużiv mill-attur bħala stralċjarju rrenda r-rendikont u l-proġett ta' tqassim tas-soċjetà in kwistjoni inaċċettabbli għar-reġistrazzjoni mill-esponenti;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Semgħet lid-difensuri u rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li l-attur ġie nnominat stralċjarju tas-soċjetà *Bastion Court Limited* u fit-22 ta' Settembru 1983 huwa ssottometta r-rendikont u l-proġett ta' tqassim approvati mill-membri tas-Soċjetà a tenur ta' l-artikolu 160(1) ta' l-Ordinanza numru X ta' l-1962 (dwar soċjetajiet kummerċjali);

L-attur jippretendi illi skond l-istess artikolu l-konvenut appena rċieva l-avviż ta' dik l-*approvazzjoni*, kellu *minnufih* iħassar l-isem tal-kumpannija mir-reġistru;

Illi rriżulta li l-konvenut ma għamilx dan iżda minflok, permezz ta' ittra ddatata 17 ta' Novembru 1983 huwa ntima lill-attur li *ma kienx jikkonsidra* li għadu sar l-istralċ skond l-artikolu 158(1) ta' l-imsemmija Ordinanza peress li kien għad baqa' pendenza ma' kreditur tas-soċjetà ċjoè d-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ammontanti għas-somma ta Lm5,950;

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut m'għandu ebda dritt *li jagħmel kummenti simili fuq il-kontijiet soċjali u wisq anqas* m'għandu dritt li ma jsegwix l-obbligu impost mil-liġi fuqu li jħassar l-isem tas-soċjetà mir-reġistru;

Illi l-konvenut qiegħed isostni illi r-rendikont u l-proġett ta' tqassim tas-soċjetà in kwistjoni kien inaċċettabbli għall-konvenut għar-reġistrazzjoni peress li l-attur, bħala stralċjarju *mexa kontra* l-artikolu 158(1) peress li qassam l-attivi tas-soċjetà msemmija qabel ma tħallsu d-dejn imsemmi tagħha u lanqas twarrbet ebda somma biżżejjed għall-ħlas tat-taxxa in kwistjoni;

Irriżulta li l-attur kellu *"objection"* dwar l-allegat dejn tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-aspett fattwali ma jidher li hemm ebda diverġenza bejn il-kontendenti. Il-kwistjoni kollha nvoluta fil-kawża hija jekk il-konvenut għandux skond il-liġi d-dritt li jissindika u jikkontrolla l-operat ta' l-istralċjarju;

L-attur isostni li l-konvenut m'għandu ebda dritt taħt l-isemmija ordinanza li jaġixxi b'dan il-mod fil-konfront ta' stralċjarju. Huwa jsostni li meta ġew approvati r-rendikont u l-proġett ta' tqassim u l-istralċjarju (ċjoè l-attur) ikkonsenja lill-konvenut avviż ta' tali approvazzjoni għar-reġistrazzjoni allura l-konvenut kellu dover preċiż skond l-artikolu 160(1) li "jħassar l-isem tal-kumpannija mir-reġistru";

Illi l-konvenut sostanzjalment isostni li jekk mir-rendikont u l-proġett ta' tqassim ikun jirriżulta li l-istralċjarju ma jkunx ħa in konsiderazzjoni xi kreditu li terzi jkollhom kontra s-soċjetà (billi ma jkunx ħallas dak id-dejn jew ma jkunx warrab somma biżżejjed għall-ħlas tiegħu) allura l-istralċjarju ma jkunx osserva l-artikolu 44(1) (li hu *magħmul applikabbli għall-kumpanniji bl-*artikolu 155) u l-artikolu 158(1). Konsegwentement ir-rendikont u l-proġett tat-tqassim ma jkunx aċċettabbli għall-konvenut għax diversament huwa jsir kompliċi miegħu fil-ksur tal-liġi. Jekk f'każ bħal dan huwa jħassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-reġistru huwa jkun qiegħed jgħin biex il-kumpannija *teħles ħafif minn* kreditur tagħha. Dana hu hekk għax l-imsemmija ordinanza ma tagħtix dritt ta' azzjoni lill-kreditur li ma jkunx ġie sodisfatt, li jdur fuq is-soċi jew fuq l-istralċjarju jekk dan kien aġixxa kolposament kif jipprovdi l-artikolu 2456 tal-Kodiċi Ċivili Taljan. Lanqas ma *tipprovdi* l-ordinanza għal xi żmien li fih il-kredituri jkollhom id-dritt jopponu xoljiment tal-kumpannija bħalma tipprovdi fil-każ ta' bdil jew għaqda ta' żewġ soċjetajiet fl-artikolu 166 ta' l-istess Ordinanza;

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami tad-disposizzjonijiet relattivi fl-imsemmija ordinanza jidher li din il-leġislazzjoni hija pjuttost karenti

f'salvagwardi u rimedji fil-konfront ta' kredituri ta' kumpanniji li jkunu fi stadju ta' stralċ. U forsi biex jimla din il-lakuna fl-Ordinanza, il-konvenut sostanzjalment isostni li għandu dritt jissindika l-operat ta' l-istralċjarju biex jissalvagwardja l-kredituri msemmija;

Però ddur kemm iddur, wieħed irid bilfors jaqa' fuq il-kliem tad-disposizzjoni ta' l-Ordinanza li fl-artikolu 160(1) ma tagħtix dritt ta' sindakabilità jew ta' diskrezzjoni lill-konvenut iżda minflok imponiet fuqu obbligu ċar u preċiż ċjoè li meta l-istralċjarju jikkonsenja lill-konvenut avviż li r-rendikont u l-proġett ta' tqassim ġew approvati allura l-konvenut **"għandu** wara dan iħassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-reġistru". Li kieku l-leġislatur kellu l-ħsieb li jagħti lill-konvenut il-poter li jaġixxi kif qiegħed jippretendi li jista' jaġixxi f'din il-kawża, ċertament ma kienx juża l-kelma "għandu" iżda kelma oħra bħal per eżempju "jista' ". Iżda dan il-leġislatur ma għamlux u lanqas konsegwentement ma tista', din il-Qorti timla l-allegata lakuna fl-Ordinanza billi tagħti lill-konvenut poter li ma jagħtix il-leġislatur;

Ikkunsidrat:

Illi la l-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-konvenut m'għandux dritt jissindika l-operat ta' l-istralċjarju meta dan jibgħatlu l-imsemmi avviż skond l-artikolu 160(1), isegwi li din il-Qorti ma tistax tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut iżda a skans ta' ekwivoċi għandhom jibqgħu impreġudikati kwalunkwe dritt li terzi kredituri jistgħu jkollhom fil-konfront ta' *Bastion Court Limited* u jew fil-konfront ta' l-attur fil-kwalità tiegħu ta' stralċjajru;

Illi mill-banda l-oħra jidher li t-talbier ta' l-attur kif proposti huwa ġustifikati;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi illi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u għalhekk tagħti lill-konvenut għaxart (10) ijiem żmien biex jikkanċella l-isem tas-soċjetà *Bastion Court Limited* u fin-nuqqas taqta' u tiddeċidi illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, l-istess soċjetà "*Bastion Court Limited*" wara l-imsemmi terminu, ma għadhiex aktar teżisti u hija estinta;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u b'riserva lill-attur ta' kwalunkwe dritt ieħor lilu spettanti "*si et quatenus*" skond il-liġi.